MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 603/2008

**Media Centre Limited**
**(C – 42258)**

**vs**

**Joseph Galea**
**(I.D. 194633M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta’ attrici talbet lil konvenut il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u sebgha u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€687.15), rapprezentanti prezz ghal xoghol ta’ reklamar ipprovdut mis-socjeta’ attrici lill-konvenut fuq talba tieghu stess, bl-imghax dekoribbli mit-28 ta’ Frar, 2008 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta’ April, 2008 u dawk tal-mandat ta’ qbid il-hrug ta’ liema gie mitlub kontestwalment mal-prezentazzjoni ta’ dan l-avviz.

Il-konvenunt gie ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin Euro u hmistax-il centezmu (€687.15), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------